MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 8.7.2009
SEG(2009) 916

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Li jakkumpanja l-

Proposta għal

DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL

dwar id-dritt għall- interpretazzjoni u t-traduzzjoni fil-proċeduri kriminali

***SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPAT*T**

{KUMM(2009) 338 finali}
{SEG(2009)915}

MT MT

DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

1. L-ISFOND

Id-dritt tal-persuni akkużati u suspettati għal proċess ġust huwa dritt fundamentali li l-Unjoni Ewropea tirrispetta bħala prinċipju ġenerali taħt l-Artikolu 6 (2) TUE. Il-professjonisti legali u l-Istati Membri (SM) jaqblu li prerekwiżit għall-fiduċja reċiproka hija li s-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja kriminali tal-iSM jiggarantixxu lill-persuni suspettati u akkużati, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, salvagwardji minimi. Azzjoni f'dan il-qasam kienet prijorità taħt il-Programm tal-Aja. Proposta ġdida hija prevista mill-Programm ta' Ħidma Leġiżlattiva tal-Kummissjoni għall-2009. Il-valutazzjoni tal-impatt tevalwa l-għażliet għal din il-proposta.

2. IL-MANDAT POLITIKU, IL-BAŻI LEGALI U L-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI.

Id-drittijiet tad-difiża ssemmew b'mod espliċitu fil-Konklużjonijiet ta' Tampere u minn dejjem kienu parti integrali mill-aġenda tar-rikonoxximent reċiproku tal-UE. Ħafna strumenti ġew addottati biex jiffaċilitaw u jħaffu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet transkonfinali. Madanakollu, sal-ġurnata ta' llum ma jeżisti l-ebda strument biex itejjeb il-pożizzjoni legali ta' dawk soġġetti għal proċediment transkonfinali. Dan in-nuqqas ta' bilanċ għandu effett negattiv fuq il-fiduċja reċiproka fost l-iSM, li allura jitlob li jkun hemm azzjoni min-naħa tal-UE.

Wara l-pubblikazzjoni ta' Green Paper fl-2003 dwar garanziji proċedurali, il-Kummissjoni addottat proposta għal Deċiżjoni Qafas dwar il-kwistjoni f'April tal-2004. Ma setax jintlaħaq ftehim u t-test ġie mwarrab. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 31 (1) (c) TUE. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ opinjoni li kkonfermat li dik kienet il-bażi legali addattata.

Il-Kummissjoni laqqgħet grupp ta' esperti fis-26/27 ta' Marzu 2009. Il-biċċa l-kbira tar-reazzjonijiet iffavorixxew azzjoni legali, li tkun akkumpanjata minn miżuri mhux leġiżlattivi. Il-maġġoranza l-kbira tal-parteċipanti opponew li l-proposta tiġi limitata għal każijiet transkonfinali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet diskussa f'żewġ Laqgħat tal-Grupp ta’ Tmexxija ta' Bejn is-Servizzi. Waqt li kienet qed tipprepara din il-Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni qagħdet fuq għadd ta' sorsi addizzjonali ta' tagħrif, inklużi 5 studji.

3. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-problema, li għandha aspetti legali u soċjali varji, tista' titqassar kif ġej:

– Moviment akbar fi ħdan l-UE, dispożizzjonijiet skaduti u applikazzjoni inkonsistenti ta' standards internazzjonali esistenti (KEDB) fil-livell tal-iSM.

– Arresti li jwasslu għal trasferimenti taħt il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) huma kkunsidrati bħala li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-Artiklu 6 tal-KEDB, għax dan huwa meqjus bħala estradizzjoni.

– Rikonoxximent reċiproku jista' jaħdem b'mod effettiv biss jekk l-iSM jkunu konvinti li d-deċiżjonijiet ġudizzjali huma meħuda b'mod ġust fi SM oħrajn.

– Hemm perċezzjoni fost iċ-ċittadini u l-prattikanti li s-sistemi tal-ġustizzja fl-iSM, minbarra f'tagħhom, mhumiex ġusti u ma jistgħux jiksbu rimedji fil-livell internazzjonali peress li l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tinsab mgħarrqa fl-ilmenti.

– Aspett ta' din il-problema huwa l-fatt li l-akkużat mhux garantit aċċess għal servizzi xierqa ta' traduzzjoni u ta' interpretazzjoni.

4. IL-BŻONN TA' AZZJONI MILL-UE

Studju tal-ULB sab li l-effiċjenza tal-miżuri ta' rikonoxximent reċiproku ġiet ostakolata minn livelli inadegwati ta' fiduċja reċiproka. Mingħajr standards xierqa biex jipproteġu d-drittijiet ta' dawk suspettati li jifhmu l-proċeduri hemm ir-riskju li l-iżbilanċ li ġie identifikat preċedentement bejn il-prosekuzzjoni u l-akkużat jiġi aggravat aktar u fl-aħħar mill-aħħar imur kontra l-interessi tal-ġustizzja fl-UE.

Sal-lum, l-iSM kkonformaw, fi gradi differenti, mal-obbligi tagħhom għal proċess imparzjali, li prinċipalment ġejjin mil-liġi nazzjonali u mill-KEDR, u dan wassal għal diskrepanzi fil-livelli ta' salvagwardji. *L-UE, permezz tal-leġiżlazzjoni, tista' tiċċara l-obbligi legali biex tiggarantixxi d-dritt għal proċess imparzjali fil-kuntest tal-liġi kriminali tal-UE*

5. L-GĦANIJIET

L-objettiv ġenerali hu li tiżdied il-fiduċja reċiproka li tippermetti applikazzjoni aħjar tar-rikonoxximent reċiproku. Permezz ta' aktar fiduċja reċiproka, wieħed jista' jistenna li l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE jaħdmu aħjar.

L-objettiv ġenerali jista' jiġi tradott fl-objettivi speċifiċi li ġejjin:

1) li jiġu pprovduti standards minimi komuni għad-drittijiet proċedurali fil-proċeduri kollha, inklużi l-estradizzjoni u l-MAE;

2) li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-istandards minimi komuni jkunu fejn ikunu fl-UE.

6. L-ALTERNATTIVI TAL-POLITIKA

1: Status quo

Jekk ma ttittieħed l-ebda azzjoni mill-UE, jista' jkun mistenni li s-sitwazzjoni tevolvi kif stabbilit fis-Sezzjoni 4. Din l-għażla hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li l-iSM huma mistennija jikkonformaw mal-KEDB u jipprovdu salvagwardji minimi fi proċeduri legali domestiċi.

2: Il-promozzjoni ta' miżuri mhux leġiżlattivi (l-aħjar prattika)

Jittieħdu miżuri biex isir tpartit tal-aħjar prattika u jiġu żviluppati linji ta' gwida tal-UE. Din l-għażla tfittex għarfien aħjar tal-istandards tal-KEDB billi xxerred u tirrakkomanda prattiki li jgħinu biex tintlaħaq konformita' mal-KEDB. Hija ma tilħaqx approssimazzjoni ulterjuri tal-istandards legali.

3: Strument ġdid li jkopri d-drittijiet kollha

Biex din l-għażla tirnexxi, ikun meħtieġ trattat ġdid b'bażi legali espliċita u bi proċedura leġiżlattiva differenti (liġi ordinarja tal-komunità). Jekk il-leġiżlazzjoni jirnexxilha tiġi addottata, l-implimentazzjoni sussegwenti tagħha mill-iSM, is-superviżjoni mill-Kummissjoni u r-rikors finali fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) jgħinu biex jiġu ssuperati d-differenzi fil-konformità mal-KEDB. Miżuri prattiki jistgħu jkunu neċessarji biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka fil-prattika.

4: Miżura limitata għall-każijiet transkonfinali

B'mod ċar, din l-għażla tikkostitwixxi biss l-ewwel pass iżda, jekk tirnexxi, tkun qed tikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u tgħin biex tingħeleb ir-reżistenza għal aktar legiżlazzjoni. Madankollu, ikollha bżonn konsiderazzjoni bir-reqqa biex kwalunkwe kwistjoni possibbli ta' diskriminazzjoni bejn il-kategoriji ta' suspettati involuti fi proċeduri transkonfinali kontra dawk domestiċi jiġu indirizzati kif xieraq.

5: Approċċ pass b'pass li jibda b'miżuri fuq l-aċċess ghall- interpretazzjoni u t-traduzzjoni

Dan ikun jinvolvi FD ġdid li jitlob lill-iSM jipprovdu standard minimu għall-aċċess għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni biss. Id-drittijiet għandhom japplikaw għal kwalunkwe persuna suspettata jew akkużata li kkommettiet reat kriminali minn meta tiġi infurmata mill-awtoritajiet kompetenti li hu suspettat li kkommettiet reat kriminali sakemm fl-aħħar tiġi ġġudikata. Din l-għażla tista' tvarja fl-iskop tagħha u tipprovdi għal dawn iż-żewġ drittijiet biex tapplika jew (a) f'każijiet transkonfinali biss jew (b) fil-każijiet kollha.

7. Analiżi tal-Impatt tal-Għażliet Politiċi

1 Status quo

Nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-UE f'dan il-qasam jista' finalment jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-progress miksub fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjali fi kwistjonijiet kriminali u għalhekk fil-kostruzzjoni ta' qasam komuni ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

2 L-aħjar prattika

Impatti pożittivi: rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prattika jistgħu jirriżultaw f'xi titjib jekk l-iSM jagħżlu li jsegwu r-rakkomandazzjonijiet. Impatti negattivi: il-biċċa l-kbira ta' din il-proposta ttenni dak li l-Kunsill tal-Ewropa jinkludi fir-Rakkomandazzjonijiet u dak li esperti oħra rrakkomandaw, imma ma twettaqx. Din l-għażla tista' tiddiżappunta lill-PE, lill-partijiet interessati u lil numru ta' Stati Membri li jridu strument vinkolanti.

3 Strument ġdid li jkopri d-drittijiet kollha

Impatti posittivi: DQ ta' dan it-tip tista' żżid il-livell ta' ċertezza legali fost l-iSM. Ikun strument vinkolanti li jtejjeb il-konformità mal-istandards tal-KEDB biex jiġi żgurat proċess ġust. Madankollu l-indirizzar tad-drittijiet flimkien bħala parti minn pakkett ifisser li jkun hemm inqas ħin x'tiddedika għal kull dritt u li l-kompromessi jwasslu għal tbenġil. Jekk it-Trattat ta' Liżbona jidħol fis-seħħ, ma jkunx hemm aktar il-bżonn tal-unanimità.

4 Każijiet transkonfinali biss

Mhemmx definizzjoni stabbilita ta' każ "transkonfinali". Hemm riluttanza min-naħa tal-iSM biex jiġi definit każ transkonfinali jew biex tiġi addattata leġiżlazzjoni li tirrikjedi definizzjoni.

L-impatt ekonomiku ta' din l-għażla jistà jkun doppju: (1) il-prezz biex tpoġġi s-servizzi f'posthom biex toffri d-drittijiet u (2) il-kisba ta' prezzijiet mraħħsa tal-appelli. Ir-riskju possibbli ta' din l-għażla jistà jkun nuqqas ta' fiduċja reċiproka peress li tista' tingħata l-impressjoni li hemm sistema bbażata fuq żewġ livelli tal-ġustizzja - waħda għal każijiet nazzjonali u waħda għal dawk transkonfinali. Impatt pożittiv: dan jista' jissodissfa lill-iSM li kienu qed jitolbu għal miżura limitata għall-każijiet transkonfinali. Impatt negattiv: miżura li tipprova tillimita l-ambitu tagħha tista' twassal għal konfużjoni peress li l-istess każ jista' jiġi deskritt jew klassifikat bħala transkonfinali jew domestiċi minn Stati Membri differenti. Konformità: L-iSM jista' jkollhom diffikultà biex jikklassifikaw każijiet u għalhekk żbalji/argumenti jseħħu b'mod naturali.

5 Approċċ pass b'pass

L-impatti ekonomiċi ta' din l-għażla jistgħu jkunu fuq żewġ livelli bħal fil-każ tal-għażla transkonfinali msemmija hawn fuq. Impatti pożittivi: miżura ta' dan it-tip tista' tirriżulta f'titjib fil-kwalità u fil-provvediment ta' interpretazzjoni u traduzzjoni. Hija tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-fiduċja reċiproka. Tassigura proċess ġust f'każijiet fejn il-persuna ssuspettata ma tifhimx il-proċeduri kriminali, id-drittijiet tagħha jew l-akkużi kollha mressqa kontrieha. Impatti negattivi: tkun tgħabbi lill-iSM b'responsabilità finanzjarja u amministrattiva li fil-preżent ma joffrux taħriġ lill-interpreti u lit-tradutturi legali. Evalwazzjoni/sorveljanza tal-konformità tkun meħtieġa, li wkoll tkun ta' piż.

Esperti fil-laqgħa tal-esperti ta' Marzu 2009, inklużi delegati tal-iSM, laqgħu b'entużjażmu s-suġġeriment li jsir xogħol fuq dan id-dritt biss bħala punt tat-tluq. F'Marzu 2009 ġie ppubblikat Rapport mid-DĠ tal-Interpretazzjoni: Ir-Rapport Finali tal-Forum Riflettiv dwar il-Multilingwiżmu u t-Taħriġ tal-Interpreti. Ir-Rakkomandazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu għal dokument fil-futur dwar l-aħjar prattika.

8. It-tqabbil tal-Alternattivi

+++ Jindika impatt pożittiv kbir

0 Jindika li ma kien hemm l-ebda impatt

--- Jindika impatt negattiv kbir

Għażla	L-effiċjenza fir-rigward tal-objettivi u koerenza ma' politiki oħra stabbiliti tal-UE		Impatt fuq is-soċjetà u fuq id-drittijiet fundamentali	Effiċjenza	Fattibilità politika
	Il-provvediment ta' standards minimi għal drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali	L-assigurazzjoni li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn standards minimi			
1. Status Quo – l-ebda azzjoni addizzjonali fil-livell tal-UE	0 L-ebda wieħed mill-objettivi ma jkun jista' jintlaħaq mingħajr xi azzjoni mill-UE		0 Żbilanċ kontinwat bejn id-drittijiet u l-kooperazzjoni ġudizzjarja jista' jagħmel ħsara lill-ġustizzja u lill-fiduċja reċiproka fl-UE	0 L-ebda nefqa għall-iSM	Il-PE u ħafna mill-iSM jistennew azzjoni mill-UE
2. Miżura li ma torbotx/mhux leġiżlattiva li tistabbilixxi l-"aħjar prattika tal-UE"	+ Tiddependi fuq id-dispożizzjoni tal-iSM li jimplimentaw. Ma toħloqx armonija fl-istandards.	++ Kampanja organizzata tajjeb ta' informazzjoni mal-Ewropa kollha kemm hi tista' toħloq għarfien rigward id-drittijiet tal-KEDB u x'jista' jsir jekk in-nies iħossu li dawn ma ġewx mħarsa.	+ Jekk l-iSM jsegwu l-gwida b'mod konsistenti, id-drittijiet tal-akkużati jiġu mħarsa	- Tiddependi fuq kif tiġi implimentata. In-nefqa ewlenija tkun it-taħriġ li jista' jitħallas mill-istudenti. Għal Stati Membri kbar (sors ir-Renju Unit) hemm maħsuba għotja ta' madwar €5000 għal kull kulleġġ.	L-iSM kollha jaqblu rigward il-bżonn ta' xi miżuri mhux leġiżlattivi. L-esperjenza tissuġġerixxi li gwida li ma torbotx ma tiġix segwita b'mod konsistenti.

Għażla	L-effiċjenza fir-rigward tal-objettivi u koerenza ma' politiki oħra stabbiliti tal-UE		Impatt fuq is-soċjetà u fuq id-drittijiet fundamentali	Effiċjenza	Fattibilità politika
	Il-provvediment ta' standards minimi għal drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali	L-assigurazzjoni li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn standards minimi			
3. Jiġi introdott mill-ġdid l-istrument tal-2004 li jkopri d-drittijiet kollha	+++ Jistabbilixxi standards komuni komprensivi.	+ Strument komprensiv fih innifsu u mingħajr miżuri ta' protezzjoni ma joħloqx għarfien pubbliku, imma jiġbed l-attenzjoni tal-midja nazzjonali għall-elementi l-aktar kontroversjali.	+++ Il-persuni kollha akkużati jiġu garantiti drittijiet taħt il-KEDB. Ikun jipprovdi bażi għal fiduċja reċiproka madwar l-UE. Il-perċezzjoni tal-istandards tal-ġustizzja tista' tgħin biex aktar ċittadini jiġu inkoraġġiti jeżerċitaw id-dritt għal-libertà tal-moviment.	--- In-nefqa mistennija tkun konsiderevoli, speċjalment għall-għajnuna legali f'dawk l-iSM li fil-preżent ma jipprovduhiex.	Terġa' tkun irrifjutata mis-6 Stati Membri li opponew il-proposta fl-2006. It-Trattat ta' Liżbona jista' jagħmilha possibbli li l-proposta attwali (2004) tgħaddi b'vot ta' maġġoranza kkwalifikata bil-possibilità li wieħed jibqa' barra minnha (opt-out).
4. Strument għad-drittijiet kollha imma limitat għal każijiet transkonfinali	++ Jipprovdi standards limitati komuni iżda mhux għaċ-ċittadini kollha li jkunu akkużati bi ksur tal-liġi.	- Għal darb'oħra, mingħajr miżuri ta' protezzjoni ma joħloqx għarfien pubbliku. Attenzjoni tal-midja nazzjonali, possibilment ostili għall-fatt li jiġu ggarantiti biss id-drittijiet ta' dawk involuti f'każijiet transkonfinali, li r-rapporti tagħhom jistgħu jiżgwidaw.	- Persuni akkużati jkunu ggarantiti l-istess drittijiet ikunu fejn ikunu arrestati fl-UE. Riskju li jiġu maħluqa żewġ livelli ta' akkużati – dawk f'każijiet transkonfinali u dawk f'każijiet domestiċi – li jwassal għal diskriminazzjoni li tista' tegħleb il-benefiċċji.	-- Ikun jiddependi fuq il-proporzjon ta' każijiet li jiġu meqjusa 'transkonfinali' u jkun ivarja bejn l-iSM – li għalihom mhemmx statistiki disponibbli. Iżda n-nefqa xorta mistennija tkun għolja.	Id-definizzjoni ta' 'każ transkonfinali' probabbilment tqajjem kontroversja, speċjalment peress li tista' twassal għal tħassib dwar id-drittijiet fundamentali fir-rigward tad-diskriminazzjoni pożittiva. Mhux probabbli li tkun aktar aċċettabbli mit-tielet għażla.

Għażla	L-effiċjenza fir-rigward tal-objettivi u koerenza ma' politiki oħra stabbiliti tal-UE		Impatt fuq is-soċjetà u fuq id-drittijiet fundamentali	Effiċjenza	Fattibilità politika
	Il-provvediment ta' standards minimi għal drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali	L-assigurazzjoni li ċ-ċittadini jkunu infurmati dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn standards minimi			
5a. Deċiżjoni Qafas limitata għad-dritt għat-traduzzjoni u għall-interpretazzjoni f'każijiet transkonfinali biss	+ Standards komuni limitati fiż-żona fejn hu meqjus l-aktar urġenti iżda mhux għaċ-ċittadini kollha li jkunu akkużati bi ksur tal-liġi. Ikun xhieda ta' progress u ta' approċċ inkrementali	- Bħal hawn fuq, interess ostili tal-midja jista' jiżgwida.	- Persuni akkużati jistgħu jiġu ggarantiti l-istess drittijiet ikunu fejn ikunu arrestati fl-UE. Riskju li jiġu maħluqa żewg livelli ta' akkużati – dawk f'każijiet transkonfinali u dawk f'każijiet domestiċi – li jwassal għal diskriminazzjoni li tista' tegħleb il-benefiċċji.	- In-nefqa tkun tiddependi fuq il-proporzjon ta' każijiet li jiġu meqjusa 'transkonfinali' u tkun tvarja bejn l-iSM. L-istatistiki mhux disponibbli.	Ħafna mill-iSM, jew kollha, mistennija jappoġġjaw jekk ikun hemm ftehim fuq id-definizzjoni ta' 'transkonfinali'. Tkun tissodisfa t-test tal-proporzjonalità, peress li l-azzjoni ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex tilħaq l-objettivi tat-Trattat. Tkun tosserva ukoll il-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li ma tkunx qed tinterferixxi f'każijiet purament domestiċi.
5b. Id-Deċiżjoni Qafas limitata għad-dritt għat-traduzzjoni u għall-interpretazzjoni fil-każijiet kollha.	++ Standards komuni limitati fiż-żona fejn ikunu kkunsidrati bħala l-aktar urġenti.	0 Improbabbli li jkollha xi effett fuq l-għarfien mingħajr miżuri ta' protezzjoni	+ Tkun tipprovdi aktar ugwaljanza għall-aċċess għall-ġustizzja billi tkun tinkludi d-dritt li wieħed jifhem l-akkuża u l-proċeduri legali.	-- In-nefqa tal-iSM l-kbar (sors ir-Renju Unit) għall-aċċess għall-interpretazzjoni adegwata hija kkalkulata madwar €40 miljun fis-sena. In-nefqa għat-traduzzjoni tvarja skont l-iskema tal-prezz prevalenti fl-iSM individwali.	Ħafna mill-iSM lesti jappoġġjaw din l-għażla.

Sommarju tal-għażla *pass b'pass*

Rilevanza għall-objettivi	**Impatt fuq is-soċjetà u fuq id-drittijiet fundamentali**	**Nefqa**	**Fattibilità politika u l-opinjonijiet tal-partijiet interessati**
Tilħaq l-objettivi b'mod sħiħ jekk l-iSM jimplimentaw il-gwida	Standards komuni limitati fiż-żona fejn ikun ikkunsidrat bħala l-aktar urġenti. Ikun xhieda ta' progress u ta' approċċ inkrementali	In-nefqa tkun tiddependi fuq il-proporzjon ta' każijiet li jiġu meqjusa 'transkonfinali' u tkun tvarja bejn l-iSM. In-nefqa għall-aċċess għal interpretazzjoni adegwata għal Stati Membri kbar (ir-Renju Unit) hija madwar €40 miljun fis-sena. In-nefqa għat-traduzzjoni tvarja skont l-iskema tal-prezzijiet prevalenti fl-iSM individwali. In-nefqa għal miżuri ta' protezzjoni tkun tiddependi fuq kif jiġu implimentati. In-nefqa ewlenija tkun it-taħriġ li jista' jitħallas mill-istudenti. Il-Gvern tar-Renju Unit ipprovda għotjiet ta' madwar €5000 għal kull kulleġġ.	Bħal hawn fuq – ħafna mill-iSM jistennew azzjoni leġiżlattiva mingħajr miżuri ta' protezzjoni.

9. L-APPROĊĊ PASS B'PASS F'AKTAR DETTALL

Din l-għażla tkun tippermetti approċċ progressiv u gradwali li jkun jipprovdi ambitu għal pjan ta' azzjoni fit-tul għall-approssimazzjoni progressiva tal-liġijiet fil-qasam tad-drittijiet proċedurali. Dan il-mod ta' kif isiru l-affarijiet ma jkunx jiddependi fuq it-Trattat ta' Liżbona daqs it-3et għażla.

Din l-għażla tkun tirriżulta f'titjib fil-kwalità u l-provvediment ta' interpretazzjoni u traduzzjoni, li jkun jista' jikkontribwixxi biex tinbena fiduċja reċiproka. Tkun tassigura proċess aktar ġust f'każijiet fejn is-suspettat ma jkunx jifhem il-proċeduri, id-drittijiet tiegħu jew l-akkużi miġjuba kontrieh. L-għażla tpoġġi piż finanzjarju u amministrattiv ieħor fuq Stati Membri li bħalissa ma joffrux taħriġ għal interpreti u tradutturi.

Ir-rispett għad-dritt tat-traduzzjoni u tal-interpretazzjoni huwa essenzjali, iżda mhux biżżejjed, għall-fiduċja reċiproka. Madankollu, huwa dritt essenzjali li jippermetti t-twettiq ta' drittijiet oħra, bħad-d-dritt għall-għajnuna legali jew id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar id-drittijiet personali. Li tifhem il-proċeduri legali hija kundizzjoni minn qabel biex tasserixxi d-drittijiet l-oħrajn tiegħek għal proċess ġust.

10. IS-SORVELJANZA U L-EVALWAZZJONI

Kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni tkun tistipula obbligu mill-iSM li jikkomunikaw il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u tabella ta' korrelazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien speċifiku. Il-Kummissjoni mbagħad tipprepara rapport ta' implimentazzjoni fejn tniżżel liema Stati Membri jkunu kkonformaw mal-obbligi tagħhom li jittrasponu d-DQ. Indikaturi li jistgħu jintużaw biex tiġi valutata l-konformità jistgħu jkunu jekk ikunux ġew offruti korsijiet tat-taħriġ, jekk kienx hemm reġistru u jekk setgħux jiġu pprovduti numru ta interpreti u tradutturi ċċertifikati. Stħarriġ tal-Eurobarometer jista' jintuża biex jissorvelja titjib fil-valutazzjoni tal-opinjoni pubblika dwar l-imparzjalità tal-ġustizzja fl-UE.